**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Numru 2959**

**Illum: 1 ta' Diċembru, 2023**

Kaz Numru 3906/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol
Bejn

**Luke Abdilla (K.I. 86989M)**

**U**
**Air Malta plc (C2685).**

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud., MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Każ kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 7 ta' Ottubru, 2020 permezz ta' l-avukat Dr Andre' Portelli f'isem s-sa Lisa Losco. Minn naħa l-oħra is-socjeta' Air Malta plc irrispondit fiz-19 ta' Novembru, 2020 permezz ta' l-avukati Dr Ron Galea Cavallazzi u Dr Edward Mizzi.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeċidi il-kaz fil-perjodu stipulat mill-liġi minħabba id-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Ir-rikorrenti kien impjegata mas-soċjeta' Air Malta plc fl-2007 bħala *temporary cabin crew* fuq kuntratt ta' mpjieg għal-żmien definit u wara sensila ta' tiġdied ta' dan il-kuntratt, ir-rikorrenti ingħatat kuntratt indefinit fit-13 ta' Jannar, 2010 Dok LA 1 Folio 6.

Bejn l-2008 to 2012 ir-rikorrenti kien segwa diversi korsijiet li ssarfu fl-għoti ta' Commercial Pilot Licence.

Fl-2014 is-soċjeta' impjegat lir-rikorrenti bħala *Junior First officer* mal-kumpanija fuq kuntratt definit sal-31 ta' Ottubru, 2014 fejn ma' l-għeluq tat-terminu r-rikorrenti rriverta lura għar-rwol tiegħu u taħt il-kuntratt ta' xogħol li kellu qabel.

Bejn Marzu 2015 u 2018 l-esponent kien ibbenefika minn *unpaid leave* bil-għan li jkun jista' jmur jaħdem bħala bdot ma' *Brussels Airlines* waqt li baqa' jżomm il-post tax-xogħol tiegħu bħala *cabin crew*.

Lejn 2018, ir-rikorenti kien applika u ntgħazel bħala *First Officer* fuq kuntratt ta' xogħol għal perjodu definit liema kuntratt kien konvertit għal wieħed indefinit f'Awwissu ta' 2008 – Ref LA2 Folio 11.

Nhar is-7 ta' April, 2020 is-soċjeta' appellata kienet innotifikat lill-*Association of Airline Pilots* Malta (ALPA) kif ukoll lid-Direttur Generali tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi bil-ħsieb tagħha li tiddikjara sensji kollettivi – Ref DOK LA3 Folio 12.
L-impjieg tal-istess bdoti, inkluż dak tar-rikorrenti Luke Abdilla, ġie terminat b'effett min-nhar it- 8 ta' Gunju 2020.

L-appellant talab lit-Tribunal biex jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mal-kumpanija appellata tammonta għal tkeċċija inġusta, li t-Tribunal jordna lill-kumpanija appellata sabiex terga' timpjega lill-appellanti, u dan taht iċ-ċirkostanzi meqjusin xierqa u opportuni ai termini tal-Artikolu 81(1) tal-kapitolu 452 tal-liġijiet ta' Malta. Fin-nuqqas tal-akkoljiment tat-tieni (2) jillikwida kumpens dovut lill-appellanti u l-ħlas tiegħu mis-soċjeta'.

Minn naħa l-oħra, s-soċjeta' tirreleva li l-impjieg tar-rikorrenti ġie terminat mis-soċjeta' intimata minħabba *redundancy* ġenwina u ma sarx b'mod diskriminatarju. Għaldaqstant targumenta li qatt ma jista' jikkostitwixxi tkeċċija nġusta.
Is-soċjeta' esponenti tiċħad ukoll l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrenti, fis-sens li s-socjeta' esponenti kellha xi obbligu li toffri impjieg alternattiv lir-rikorrenti u ddeskrivit l-allegazzjoni bħala waħda mingħajr ebda bażi fil-liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet is-soċjeta' esponenti targumenta li m'għandha tkun responsabbli għal ebda danni li setgħat jew tista' ssofri minħabba t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu u lanqas ma hemm ebda kumpens li għandu jiġi likwidat jew ordnat minn dan it-Tribunal, biex jitħallas.

**Fatti tal-Każ**

Fis-7 ta' April, 2020 r-rikorrenti sar jaf li s-soċjeta' kellha l-ħsieb li tiddikjara sensji kollettivi inkluż r-rikorrenti ai termini tar-regolamenti dwar Sensji Kollettivi skond kap 452 u l-liġi sussidjarja 452.80 – Ref LA3Folio 12.

Illi permezz ta' komunika personali lil 69 bdot, inkluż ir-rikorrenti datata nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju, 2020, il-kumpanija nfurmathom li l-impjieg tagħhom kien ġie terminat b'effectt minn nofs il-lejl u minuta ta' nhar it-8 ta' Gunju, 2020. Dawn is-sensji kienu abbinati mal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 659/2020 u d-digriet relattiv mogħti, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Ġunju, 2020.

Ir-rikorrenti jallega li t-terminazzjoni ta' 69 bdot ġiet ikkomunikat lilhom minkejja li n-negozjati bejn ir-rapprezentanti tal-impjegati u l-prinċipal kienu għadhom pendent, anżi jgħid li ċ-Chairman tal-kumpanja kien ta' il-kelma tiegħu li il-kumpanija ma kinitx sa tipprocedi bis-sensji. Minkejja dan, is-soċjeta' tgħid li r-rapprezentanti tal-ħaddiem l-ALPA kienet ippreżentat anka protest ġudizzjarju numru 87/2020 dwar dak li r-rikorrenti jsejjahlu l-irritwalita' u n-nuqqas ta' siwi legali tal-proċedura mibdija mill-kumpanija appellata. Għalhekk ir-rikorrenti jgħid li kien hemm nuqqas serju ta' konsultazzjoni effettiva mar-rappreżentanti tal-Unjin tiegħu.

Għaldaqstant jirreleva li il-kumpanija naqset milli tidħol f'diskussjonijiet relattivi dwar is-sensji kollettivi u għalhekk ma setgħatx tisma u tivvaluta l-konsiderazzjonijiet tal-ħaddiema nkluż dawk tar-rikorrenti biex possibilment jinżamm fl-impjieg ieħor mal-kumpanija. L-esponenti jirreleva li il-kumpanija naqset li tiddiskuti l-każ partikolari ta' l-appellanti meta il-ħiliet u l-abiltajiet professjonali tiegħu setgħu possibilment jiġu applikati f'rwol alternattiv bħal dak ta' *cabin crew*, liema rwol kien okkupat minnhu preċedentement għal numru ta' snin.

Minn naħa l-oħra s-soċjeta' tirreleva li hi ġiet milquta ħazin ħafna mill-pandemija tal-COVID 19. Kien minħabba din il-pandemija, li wasslet għal xhur fejn it-titjiriet kkummerċjali kienu projbiti, kif ukoll nuqqas drastiku ta' passiġġieri. Minħabba f'hekk is-soċjeta' esponenti kellha tieħu miżuri f'kull aspett tal-ħajja tas-soċjeta' nkluż l-impjiegi b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-bdoti u il-*cabin crew*. Is-soċjeta' tgħid li ħadet ħsieb biex kemm jista' jkun, iżżomm l-impjegati tagħha kollha fl-impjieg.

Minkejja dan, is-soċjeta' tgħid li kien biss mal-unjin tal-bdoti illi s-soċjeta' esponenti ma rnexxilhiex tasal għal ftehim. Is-soċjeta' tispjega kif għamlet numru ta' tentattivi matul is-60 gurnata ta' konsultazzjoni u anki wara li skada l-perjodu ta' konsultazzjoni. Is-soċjeta' tgħid li tul il-konsultazzjoni mal-ALPA l-priorita' tas-soċjeta' esponenti dejjem kienet li żżomm kemm jista' jkun mill-bdoti tagħha fl-mpjieg, anki jekk kienet ser tasal f'pożizzjoni li jkollha tiddikjara sensji b'mod definittiv. Is-soċjeta tgħid li anki rrispondit għal protest ġudizzjarju istitwit mill-ALPA nr 87/2020 Dok KM1 folio 61.

In-numru ta' mpjegati fil-klassi ta' bdoti u *cabin crew* li s-soċjeta' esponenti kkalkolat li kellha bżonn biex taqdi dawk ir-rotot li kienet bi ħsiebha topera kien dak li jippermetti l-operat ta' skeda b'numru ferm inqas ta' bdoti u *cabin crew*.

Għaldaqstant, is-soċjeta' targumenta li dan ma kienx każ fejn is-socjeta' setgħat issib xogħol alternattiv għar-rikorrenti, kemm fi rwol ta' *cabin crew* u kemm fi rwol alternattiv. Tgħid li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti u ta' 68 bdot ieħor li l-impjieg tagħhom twaqqaf minħabba redundancy, ġiet ikkawżata minħabba

pandemija COVID 19 u li, għalkemm ma kienitx mixtieqa, is-soċjeta' tgħid li kienet oġġettivament ġustifikata minħabba t-tnaqqis fl-operat tas-soċjeta' esponenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal kellu quddiemu każ fejn ir-rikorrenti kien qiegħed jallega li huwa tkeċċa mill-impjieg tiegħu minn mas-soċjeta' b'mod inġust filwaqt li s-soċjeta' targumenta li mhux il-każ għaliex ir-rikorrenti kien wieħed minn grupp ta' ħaddiema li kienu soġġetti għal sensji kollettiv ġenwini u għalhekk ma' kien hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu.

Għalhekk fl-ewwel stadju, it-Tribunal ried jissendika l-evidenza dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant u jara jekk kienx hemm l-elementi meħtiega biex ikun hemm terminazzjoni skond il-liġi. Minkejja li ċ-ċirkostanzi tal-każ jinkwadra sfond ta' sensji kollettivi, xorta jibqa' il-fatt li l-każ quddiem it-Tribunal jirrigwarda persuna partikolari u unika għal dan il-każ. Għaldaqstant, fit-tieni stadju, it-Tribunal ried fil-każ, jevalwa jekk id-deċiżjoni tat-terminazzjoni kinitx waħda ġusta fil-konfront tar-rikorrenti filwaqt jissendika l-applikazzjoni tal-kunċett tar-ragenevolezza, fosthom il-fatturi li setgħu jew le jimmitigaw it-terminazzjoni kif ukoll il-konsistenza u/jew il-flessibilita' fiċ-ċirkostanzi.

<u>Terminazzjoni u notifika ta' sensja (redundancy)</u>

It-Tribunal ried jibda billi jħares lejn il-fatturi li jikkostitwixxu 'sensja' – "*redundancy*".

Kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta ma' jgħatix definizzjoni ta' sensja "*redundancy*" iżda l-ġurisprudenza Maltija u barranija toffi għarfien sostanzjali dwar dan.

*Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.13* jghid li;

*A dismissal shall be for reason of redundancy if it is wholly or mainly attributable to:*

*(a) The fact that the employer has ceased, or intends to cease, to carry on that business for the purpose for which the employee was employed; or*
*(b) The employer has ceased or intends to cease to carry on that business in the place where the employee was employed; or*
*(c) The fact that the requirements of that business for employees to carry out work of a particular kind, or for them to carry out that work in the place where they were so employed, have ceased or diminished or are expected to cease or diminish.*

Ma' dan irid jingħad li l-piż tal-provi li is-sensji kienu ġenwini jaqgħu fuq il-prinċipal. Ref – *Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.12.*

L-artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u proċedura Civili kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi ukoll li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.

<u>Covid 19 u l-effett fuq il-kumpanija.</u>

L-esponenti soċjeta' tirreleva li l-operat tal-kumpanija kien ġie stiltifikat minħabba l-pandemija tal-Covid 19 u l-miżuri li kellhom jittieħdu mill-awtoritajiet. It-tnaqqis fl-operat ma kienx riżultat ta' xi deċiżjoni li ttieħdet mill-kumpanija imma xorta waħda kellha tirriorganizza l-operat tagħha mill-ġdid bħala reazzjoni għal bidla ta' taħt fuq fis-suq u tfassal pjan biex l-operat jibqa ħaj kemm iddum il-pandemija u jkun vijabbli wara li tkun għaddiet.

Tant li fir-rigward tal-impjegati, dan il-pjan fisser illi minħabba tnaqqis fl-operat il-kumpanija ma kellhiex bzonn il-bdoti u *cabin crew* kollha li kienu mpjegati magħha dak iż-żmien. Għalhekk, il-kumpanija kellha tiġbed żewgt iħbula – minn naħa waħda kellha tipprova ssalva l-operat tagħha, u mill-oħra tipprova ssalva kemm jista' jkun impjiegi biex taqdi l-iskeda tal-operat waqt il-pandemija u tkun kapaċi tirreagixxi immedjatament f'każ ta' żieda fix-xogħol hekk kif ittaffi l-pandemija. Ref sottomissjonijiet tas-soċjeta' para 6 u 7.

Dan kien korroborat mill-ittra tas-soċjeta' data Marzu 2020 ref JG(b) Folio 126 indirizzata lid-Direttur Ġenerali tad-dipartiment ta' l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali fejn tistqarr li;

> The extraordinary number of cancellations which, coupled with the travel bans in place and consquently no bookings, has left the airline in a situation where it will be experiencing a huge, temporary financial decline.
>
> At this point, many employers who have been hit by the current circumstances have already been forced to proceed with terminating contracts and declaring redundancies. The Company wishes to offset, at least in part, the impact of the current situation without having to take (at least, for the time being) more drastic measures to the detriment of our employees.

Dan kien korroborat ukoll mill-affidavit tas-sur Paul Sies li huwa ic-Chief Commercial Officer tal-kumpanija Air Malta fejn fost affarijiet oħra jgħid li;

> As a result of the disruption of air travel due to the COVID 19 outbreak, Malta's tourism industry, which accounts for 17% of the National GDP, has shown sharp decline and is not expected to show a full recovery before 2024. – Ref Dok PS Folio 105. Dok JG 1 Folio 115.

Minn naħa l-oħra d-dipartiment ta' l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali approva l-bidu tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar is-sensji proposti mis-soċjeta' – Ref LA8 Folio 39 u aktar tard anki approva l-estensjoni tal-perjodu ta' konsultazzjoni għal 30 jum iehor – Ref CG5 folio 270.

It-Tribunal jikkonkludi li l-proposta' għat-terminazzjoni ta' l-impjiegi minn mas-soċjeta' minħabba raġuni ta' *redundancy* kienet waħda ġenwina. Għalhekk it-Tribunal għadda biex jissindika l-elementi li jikkostitwixxu tkeċċija skond il-liġi.

L-għoti tas-sensji skond il-liġi.

Il-prospett ta' sensji hija sitwazzjoni diffiċli ħafna kemm għall-impjegati kif ukoll għal prinċipal. Għall-impjegat it-telf ta' l-impjieg huwa trawmatizzanti għaliex il-ħajja tiegħu u tal-familja kollha tiġi affettwata serjament u toħloq inċertezza u anzjeta kbira. Sensji jaffettwaw il-moral u l-motivazzjoni ta' l-impjegati u l-produttivita' anki ta' dawk li jinżammu fix-xogħol. Għalhekk prinċipal irid joqgħod attent ħafna biex jimmaniggja sitwazzjoni bħal din b'ħafna sensittivita' u soledarjeta' biex ikun minimizzat kemm jista' jkun, l-impatt negattiv fuq dawk milquta.

Barra minn hekk, is-sensji mhux biss iridu ikunu genwini imma ukoll skond il-liġi. Il-liġi sussidjarja 452.80 tagħti ħames obbligi li l-prinċipal irid isegwi meta jkun fi ħsiebu jwettaq sensji kollettivi li huma;

1 jgħaddi lir-rapprezentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni rilevanti kollha,
2 jagħti r-raġunijiet għas-sensji,
3 jgħaddi in-numru ta' impjegati li hemm il-ħsieb li jingħataw is-sensja,
4 jgħaddi in-numru ta' l-impjegati li normalment timpjega il-kumpanija,
5 jagħti il-kriterji li jkunu qiegħed jiġu proposti biex fuqhom isir l-għazla ta' dawk li jingħataw is-sensja,
6 jagħti d-dettalji dwar il-kumpens dovuti minħabba l-għoti tas-sensji,
7 jindika il-perjodu li tulu sa jingħataw is-sensji.

L-esponenti soċjeta' tirreleva li l-kumpanija kienet;

(i) ġustifikata li tħabbar is-sensji minħabba riduzzjoni fl-operat tal-kumpanija sal-punt illi kellha iktar impjegati milli kellha bżonn;
(ii) segwiet l-obbligi tagħha u d-drittijiet tal-bdoti meta ħabbret l-intenzjoni li jsiru s-sensji u tat l-informazzjoni kollha li kien hemm bżonn, żammet laqgħat u anki għamlet kontro-proposti meta saru xi proposti mill-ALPA; iddiskutiet u kkonsultat mal-kumitat eżekuttiv tal-ALPA, tant illi kienet anki rriduciet in-numru ta' bdoti li kien originarjament maħsub li jiġi terminati permezz tas-sensji;

(iii) uriet li tant qed tipprova żżomm il-bdoti fl-impjieg illi kompliet tiddiskuti anki wara li s-sensji saru effettivi.

It-Tribunal ħares lejn l-evidenza prodotta fosthom;

L-ittra tas-soċjeta' datata 7 ta' April, 2020 fejn qed tinforma lid-direttur ta' l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali bil-proposta tas-sensji fejn fiha jgħatu r-raġunijiet għal din il-proposta, in-numru ta' l-impjegati affettwati mis-sensji u n-numru ta' impjegati normalment fl-impjieg, il-kriterji ta' l-għazla ta' dawk li kienu sa jiġi ssensjati, il-pagamenti dovuti lill-impjegati minħabba s-sensji u anki il-perjodu li tulu sa jkunu servuti s-sensji. Ref folio 44.

Ra ukoll ir-risposti mibgħuta lid-DIER dwar is-sensji kemm mill-ALPA u kemm mis-soċjeta' u magħhom ukoll l-acknowledgement tad-dipartiment – Ref Folio 39-43.

Ra il-korrespondenza li għaddiet bejn l-unjin tal-bdoti l-ALPA u l-uffiċjali anzjani tal-kumpanija fosthom ic-Chief Human Resource Officer, liema korrespondenza kienet tinkludi ftehim *draft* dwar il-kundizzjonijiet temporanji li kellhom jidħlu fis-seħħ sakemm tgħaddi l-pandemija – Ref JG 2,3,4 folio 116 – 122, JG 9 Folio 158 – 171. L-ittra ta' Marzu 2020 mill-kumpanija lid-DIER dwar il-ftehim li l-kumpanija tgħid li kienet laħqet mal-unjin ALPA dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġodda – Ref JG 6 folio 126.

Ra ukoll is-sejħa għal laqgħa datata 24ta' Marzu, 2020 biex il-kumpanija tikkomunika dwar il-qaghda tagħha mar-rappreżentanti ta' l-impjegati – ref JG 8 Folio 150-157.

Ra il-korrespondenza li għaddit bejn il-kumpanija u l-ALPA fil-konfront tad-DIER biex ikun hemm estensjoni ta' 30 jum fuq l-ewwel fażi ta' 30 jum biex jitkomplew in-negozjati bejn is-soċjeta' u l-ALPA li kienet tirrapprezenta lir-rikorrenti – Ref CG5 folio 273 – 277.

Issindika ukoll il-minuti meħuda mill-ALPA tal-laqgħat li kellha mas-soċjeta' dwar ias-sensji u kwistjonijiet oħra – Ref ALPA 1 – ALPA 7 folio 399 – 425, 406 – 415.

Minn din l-evidenza it-Tribunal jikkonkludi li s-soċjeta' segwit b'mod generali l-obbligazzjonijiet tagħha skond il-liġi fil-mod kif il-proċess tas-sensji kien eżegwit. Iżda t-Tribunal ried jidħol f'aktar dettal u ħares ukoll lejn il-kunċett ta' ragenevolezza u flessibilita'.

<u>Il-kuncett ta' ragenevolezza fil-konfront tar-rikorrenti.</u>

Selwyn jispjega kif filwaqt li raġuni ġenwina ta' sensja taf tkun bażi tajba għal terminazzjoni ta' l-impjieg, dan ma jfissirx li it-tkeċċija hija awtomatikament ġusta.

> Although a redundancy situation may be grounds for dismissal, in respect of which the employee may be able to obtain a redundancy payment, it does not follow that such a dismissal will automatically be fair or that the employer acts reasonably in treating that reason as a sufficient ground for dismissal.
> *Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.41.*

Infatti Selwyn jissuggerixxi ħames prinċipji ta' prattika tajba ta' relazzjonijiet industrijali f'sitwazzjonijiet ta' sensji kollettivi fosthom li l-prinċipal għandu jikkonsidra b'mod ragonevoli l-possibilita' ta' impjieg alternattiv għal dak issensjat.

> Faced with a redundancy situation, the reasonable employer considers whether it is necessary to act on it, or whether there is some other way of dealing with the problem.
> *Selwyn's Law of Employment 21st edition Para 18.44*

Ir-rikorrenti jirreleva li huwa kellu *skills set* ferm aktar wiesa minn ta' bdoti oħra, liema skills set, is-soċjeta' għamlet użu minnhom skond l-ezigenza tal-kumpanija. Hu jgħid li kien ottjena il '*Commercial Pilot License* (CPL), u anki applika u ntgħazlet mill-kumpanija intimata sabiex jibda jipprovdi s-servizzi tiegħu anke bħala bdot. In fatti mis-sena 2014 'il quddiem il-ħiliet tar-rikorrenti iġifieri kemm dawk ta' bdot u

kemm dawk ta' cabin crew, ġew utilizzati mill-kumpanija intimata b'mod interkambjabbli matul is-snin.

Infatti l-appellant jgħid li bejn l-2007 to 2014 huwa ħadem bħala *cabin crew* sakemm fl-2014 intgħazel bħala *Junior first officer* fuq kuntratt definit ta' sebgħa xhur fejn wara kien irriverta lura ghar-rwol ta' *cabin crew*. Hu jgħid li f'dan iż-żmien kien għamel użu minn skema tal-kumpanija fejn bdot seta' jmur jaħdem għal xi żmien ma' kumpanija oħra u għamel hekk bejn l-2015 sa 2018 meta wara sejħa għall-applikazzjonijiet mis-socjeta' esponenti ġie offrut u aċċetta kuntratt ta' mpjieg definit bħala *First Officer* mal-kumpanija sa Diċembru 2018. F'Awwissu 2018 il-kuntratt definit inbidel għal wieħed indefinit. – Ref sottomissjonijiet para 11,12.

Hu jgħid li malli kienu proposti s-sensji, irrealizza li kien sa jintlaqat ħazin għaliex, kien wieħed minn ta' l-aħħar li kien appuntat bdot. Għalhekk, kellem kemm lir-rapprezentanti ta' l-ALPA u kemm tal-kumpanija b'mod partikolari lis-sur James Genevese ic- Chief Human Resource Officer u għarfu bix-xewqa tiegħu li fil-każ ta' *redundancy* huwa xtaq jirreverti lura għar-rwol ta' *cabin crew*. Hu jgħid li dan talbu mhux bħala proċess ta' *bumping down* li skond il-ftehim kollettiv dan ma kienx permess bejn klassi u oħra ta' rwoli, imma sempliciment biex jinżamm fuq il-kotba tal-kumpanija biex kif qal hu;

> *"nassigura xi forma ta' impjieg u introjtu ghal familja tieghi"* - Ref folio 484.

Iżda filwaqt li s-socjeta' talbet lir-rikorrenti jispjega fuq liema bażi kien qed jgħamel it-talba tiegħu, xejn aktar ma nstema minn għand il-kumpanija.

Minn naħa l-oħra is-soċjeta' targumenta li l-kumpanija diġa kellha aktar membri tal-*cabin crew* milli kellha bżonn u għalhekk ma' kienx jgħamel sens li żżied magħhom lir-rikorrenti.

Il-kumpanija tgħid li filwaqt li għandha obbligu li tinforma u tikkonsulta mal-impjegati, għandha tingħata ukoll il-liberta' li tiddeċidi dwar kif l-aħjar li tmexxi l-operat mingħajr ndhil. Ir-raġuni għalfejn isiru l-konsultazzjonijiet huwa sabiex il-

kumpanija tkun tista tikkunsidra l-ħsiebijiet tal-impjegati tal-kumpanija. Imma l-fatt, bħal ma ġara f'dan il-każ, li tkun saret it-talba mill-impjegat biex jingħata rwol alternattiv u ma ngħatax, m'għandux iwassal għas-sejba ta' tkeċċija nġusta jekk il-kumpanija ma kellhiex fejn tpoggi l-impjegat. Xejn ma jobbliga lill-kumpanija toħloq xi rwol jew pożizzjoni żdida sabiex takkomoda mpjegat li ser jiġi sensjat, jekk dan ma jagħmilx sens kummerċjali, ekonomiku u operattiv għall-kumpanija stess. Ref sottomissjonijiet tas-soċjeta' para 57.

Is-soċjeta tgħid li filwaqt li *bumping down* fl-istess klassi ta' impjegati kien possibbli u hekk sar fil-klassi tal-bdoti u *first officers*, *transferred redundancy* fejn wiehed jinżel mill-klassi partikolari tiegħu u jmur ġo oħra ma' kienx possibbli. Is-soċjeta' tgħid u tikkwota lil Selwyn li *transferred redundancy* hija xorta *redundancy*. L-esponenti soċjeta' tkompli tgħid li ħaga bħal din mhiex permessa fil-ftehim kollettiv u li kieku dan kellu jseħħ, kien ifisser li ftehim kollettiv ma' Unjin waħda jispiċċa imponut fuq Unjin ohra. Ref sottomissjonijiet tas-soċjeta' para 63-64.

Ic-Chief Human Resource Officer jgħid li l-ftehim kollettiv tal-*cabin crew* kien jipprovdi għal diversi kategoriji ta' *cabin crew* fil-klassi tagħhom fosthom kategorija "D" u "E" li huma membri ta' din il-klassi imma ma jingħatawx xogħol ħlief biex iżommu l-liċenzja tagħhom li effettivament jittraduċi ruħu f'titjira waħda fix-xahar. Dan l-arrangament jibqa' fis-seħħ sakemm jintlaħaq ċertu volum ta' l-operat li sa dak iż-żmien kien għadu ma ntlahaqx.

> *Qed ngħid dan kollu għaliex li kieku sar arrangament ma' Luke u ma' Lisa biex dawn jidħlu bħala cabin crew, dawn kienu jidħlu f'kategorija "E".*
> Ref seduta 29 ta' Ottubru, 2021. Sottomissjonijiet tas-soċjeta' para 83.

Fix-xhieda tiegħu ic-Chief Human Resource Officer jistqarr li il-ftehim kollettiv kien jistipula f'klawsola 39, li f'każ ta' pożizzjonijiet vakanti, l-kumpanija kellha l-ewwel tgħamel sejħa għal applikazzjonijiet interni. Dan ifisser li kieku Luke Abdilla inżammet fuq il-*payroll tal-cabin crew* kien jikkwalifika biex japplika għal pożizzjoni ta' bdot, meta dawn l-applikazzjonijiet jerggħu joħorgu, u dan kien isir bi żvantagg

għal dawk il-bdoti ssensjati u li kellhom żmien ta' servizz itwal mal-kumpanija bħala bdoti, minn dak tar-rikorrenti. Ref seduta 29 ta' Ottubru, 2021 sottomissjonijiet tas-soċjeta' para 84, 85.

Infatti l-esponenti soċjeta' tgħid din il-preokkupazzjoni kienet ġiet komunikata lill-ALPA dak iż-żmien li kienet saret it-talba iżda qatt ma ġiet indirizzata u qatt ma ngħatat is-serhan tal-moħħ li kellha bżonn il-kumpanija li b'xi mod din ma kienitx ser terġa ddur fuq il-kumpanija. Ref sottomissjonijiet soċjeta' Folio para 84.

Ic-Chief Human Resource Officer iżied li anqas ma seta' jidħol f'diskussjonijiet mar-rikorrenti dwar dan għaliex is-sitwazzjoni ta' dak il-mument kienet kumplessa. Seduta' 3 ta' Dicembru, 2021 pg 15-16.

Għal sitwazzjonijiet simili Selwyn jgħid;

> Consultation with trade unions does not preclude consultation with individuals (Walls Meat Co Ltd vs Selby). If the employer fails to consult with the affected individuals, he must supply a cogent reason why it was not possible to do so (Holden v Bradvlle Ltd).
> *Selwyn's Law of Employment 21st edition Para 18.46*

Kull sitwazzjoni ta' redundancy hija kumplessa b'mod jew b'iehor u dan m'ghandux jintuza bhala raguni ghaliex principal ma jidholx f'diskussjonijiet ma' mpjegati, ta hafna snin ta' esperjenza mal-kumpanija, biex possibilment jkunu salvati l-impjiegi taghhom.

It-Tribunal jinnota li;

Ir-rikorrenti kien persuna versatili għaliex investa fil-ħiliet tiegħu, ħiliet komplimentari tant li huma ċentrali għal ħidma ta' l-esponenti soċjeta' u li fil-fatt il-kumpanija użat dawn il-ħiliet b'mod effettiv fil-passat. Dan juri il-valur li dan l-impjegat kellu mhux biss fil-kompetenzi imma anki fil-versatilita' tiegħu bħal

mpjegat. Ic-Chief Human Resource Officer jaqbel mija fil-mija li r-rikorrenti kellu konoxxenza vasta ta' dmirijiet ta' *cabin crew*. Ref sottomissjonijiet tar-rikorrenti pagna 23 seduta 3 ta' Dicembru 2021 pagna 7-8.

Il-kumpanija kellha ħafna membri tal-*cabin crew* żejda imma minkejja dan waslet fi ftehim mal-Unjin tal-*cabin crew* biex jinżammu l-impjegati kollha f'din il-klassi rrispettivament mill-kategorija li kienu fiha anki dawk mequsa "casual".

> ..il-kumpanija kellha 'l fuq minn mitt ruħ li kienu żejda
> f'dak ir-rwol u nżammu biss wara li ntlaħaq ftehim
> mal-unjin konċernata fejn kien aċċettat li ħafna
> minnhom jinżammu fl-impjieg, iżda ma jitħallsux paga.
> Ref sottomissjonijiet tas-soċjeta' para 20.

Il-kumpanija kienet ukoll geddiet 134 kuntratt tax-xogħol ta' *cabin crew* li minnhom 115 ma jiswewx flus lil kumpanija għaliex qiegħdin fuq tip ta' kuntratt li jitħallsu biss ta' dak li jaħdmu u allura jekk ma jaħdmux, ma jitħallsux. Ic-Chief Human Resource Officer jixhed li;

> …dawn il-mija u ħmistax-il ruħ, lill-kumpanija jekk
> ma thaddimhomx, tajjeb, ma jiswewlhiex flus.
> Iġifieri qegħdin hemmhekk stand by. Jiġifieri
> jiswewni iktar flus jekk ikolli nwaqqafhom ….
> Ref – Folio 608 sottomissjonijiet tar-rikorrenti para
> 12 (x).

Kien hemm ukoll talba kemm minn għand ir-rikorrenti kif ukoll minn għand l-ALPA lic-Chief Human Resource Officer ref (Seduta 3 ta' Dicembru, 2021 pg 17) biex ir-rikorrenti jitpogga fil-klassi tal-*cabin crew* minħajr ma' kien hemm insistenza biex jitpogga f'xi kategorija partikolari. Ic-Chief Human Resource Officer jgħid li kieku aċċetta t-talba tar-rikorrenti kien jitpogga fil-kategorija 'E' tal-klassi tal-*cabin crew.*

It-Tribunal ra l-affidavid ta' Melvyn Vassallo President tal-Unjin tal-*Cabin crew* sas-sena 2022 fejn jgħid li hu bħala uffiċjal tal-Unjin ma' kellu l-ebda oġġezzjoni li r-rikorrenti jkun integrat f'xi waħda mill-kategoriji tal-klassi tal-*cabin crew* – Ref Dok MV1 folio 506.

Jidher li filwaqt li l-kumpanija stennit xi forma ta' serhan il-moħħ minn għand il-Unjin tal-bdoti ref (sottomissjonijiet socjeta' para 84), fl-istess ħin il-kumpanija kienet qiegħda tgħid li kienet tkun ġennata li kieku r-rikorrenti inżamm fl-impjieg bħala *cabin crew* għaliex kien hemm aktar minn biżżejjed *cabin crew* fuq il-*payroll* - Ref Seduta 3 ta' Diċembru, 2021 pg 23.

F'mument ieħor is-soċjeta' tgħid li kienet is-sitwazzjoni kumpless tal-mument li ma ppermettitilhiex tidħol f'diskussjoni mar-rikorrenti dwar il-possibilita' li jidħol fil-komunita' tal-*cabin crew*.

It-Tribunal jara nkonsistenza f'din il-linja ta' ħsieb tal-kumpanija. Jekk il-kumpanija ħasset li kellha sitwazzjoni kumplessa kien jagħmel ħafna sens li l-kumpanija tidħol f'diskussjoni mar-rikorrenti u anki mal-Unjin biex tiġi mitigata l-kumplessita madwar dan il-każ u possibilment tinstab soluzzjoni.

It-Tribunal jara nkonsistenza oħra meta minn banda l-kumpanija tgħid li tpoġġi żewġ bdoti fil-klassi tal-*cabin crew* kienet ġennata għaliex kien hemm aktar minn biżżejjed membri tal-*cabin crew* imma fl-istess ħin is-soċjeta' kienet qiegħed tistenna serħan il-moħħ minn għand il-Unjin kemm il-darba tilqa' t-talba tar-rikorrenti?

It-Tribunal huwa konvint li minkejja kollox is-soċjeta' qatt ma kellha l-iċken ħsieb li tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex jitpoġġa f'xi kategorija tal-klassi tal-*cabin crew*. Ix-xhieda tac-Chief Human Resource Officer – ref (seduta 27 ta' Mejju, 2022 pg 10) jgħid b'mod car li hu ma setax jikkonsidra t-talba tar-rikorrenti għaliex skond huwa dan id-dritt ma joħrog minn imkien.

Hawn is-socjeta' naqset li tgħamel distinzjoni bejn dak li hu legali u dak li hu ġust. Il-fatt li ma kienx hemm dritt espliċitu li talba bħal dik tar-rikorrenti kellha tiġi

milqugħa, ma jfissierx li s-soċjeta' ma' kelliex l-obbligu li tikkonsidra attivament u ġenwinament it-talba tar-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonkludi li l-possibilita' li r-rikorrenti jitpogga f'xi kategorija tal-*cabin crew* ma kienitx ġennata imma possibilita' li setgħat saret realta'. Ic-Chief Human Resource Officer innifsu spjega li f'każ li l-arrangament intlaqa' ir-rikorrenti seta tpoġġa f'kategorija 'E' tal-klassi tal-*cabin crew*. Qal ukoll li l-impjegati f'din il-kategorija ma jiswewx flus lil kumpanija.

Prinċipal li f'ċirkostanzi ta' *redundancy* tiġih quddiemu opportunita' li jżomm impjegati versatili u ta' esperjenza miegħu minħajr ma jidhol fi ispejjes żejda, minħajr ma' jikser xi ftehim kollettiv, liema opportunita' tkun anki appoggjata mhux minn Unjin waħda imma tnejn, huwa ragonevoli għat-Tribunal li jikkonkludi li prinċipal f'din iċ-ċirkostanza kien jieħu l-opportunita' u joffri l-possibilita' lill-impjegat.

> It may be possible to offer a redundant employee another job which amounts to a demotion and leave it to him to decide whether or not to accept.
> Selwyn's Law of Employment 21st edition Para 18.44

Meta jkun hemm nuqqas ta' ragonevolezza fid-deċiżjoni tal-principal, it-Tribunal ikun irid iħares lejn it-telf reali li r-rikorrenti jkun ġarrab minħabba dik id-deċiżjoni.

> If an employer has acted unreasonably in searching around for alternative employment, the employment tribunal may consider whether in fact any loss has accrued to the employees a result of that failure or whether in fact made no difference. *Selwyn's Law of Employment 21st edition Para 18.45*

Artikolu 81(2)(a) ukoll jitkellem dwar meta t-Tribunal jistabilixxi l-kumpens irid jqis id-danni reali u telfien li jkun bata il-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra.

It-Tribunal mhux sa jiddeċidi hu għal kumpanija f'liema kategorija r-rikorrenti kellu jitpogga iżda sa jimxi ma' dak li qal ic-Chief Human Resource Officer tas-soċjeta' meta qal li kieku sar l-arrangament li talab ir-rikorrenti, kien jitpogga fil-kategorija 'E' tal-klassi tal-Cabin Crew.

Dan kien ifisser li r-rikorrenti kien ikun intitolata biex ta' l-anqas, jgħamel titjira waħda fix-xahar biex ikun jista żżomm il-liċenzja ta' cabin crew. Għal daqstant meta wieħed jieħu inkonsiderazzjoni s-sitwazzjoni ta' l-industrija ta' l-avjazzjoni f'dak iż-żmien hu ragonevoli li wieħed jistma li r-rikorrenti għamel telf reali tal-paga dovuta għal titjira waħda fix-xahar tul iż-żmien li għamlet bis-sensja.

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-tribunal eżamina u evalwa id-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalita' u l-komplessita' tagħhom, jiddeċidi li r-rikorrenti s-sur Luke Abdilla kien terminat mix-xogħol inġustament.

**<u>Kumpens</u>**

It-Tribunal jordna kumpens minn għand is-soċjeta' għar-rikorrenti ta' €1,551.20 (Elf, ħames mija u wieħed u ħamsin euro u għoxrin ċentezmu) fi żmien erba ġimgħat minn din id-deċiżjoni.

Dan motivat kif ġej;

Ftehim Kollettiv 2018 – 2022

| | | |
|---|---|---|
| Grad – cabin crew tarġa 27 għas-sena 2022 | | €24,199.43 |
| Stima ta' titjierit fil-ġimgħa għal membru tal-crew | | 3 |
| Stima ta' titjiriet f'sena għal membru tal-cabin crew | 156 | |
| Paga average għal titjiera waħda | | €155.12 |

| | |
|---|---|
| Paga għal titjiera waħda fix-xahar għal 10 il-xahar | €1,551.20 |

L-ispejjeż tal-kawża għal l-addebitu tas-soċjeta' intimata iġifieri l-Air Malta plc.

It-Tribunal jiddikjara il-każ magħluq.

(Iffirmat)

Is-Sur Joseph Gerada
Chairperson

**Vera Kopja**

Graziella Borg
Għas-Segretarju